C/2026/4522

24.8.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/4522)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Alsace grand cru Kirchberg de Barr"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0343-AM03 — 29.5.2026

1. **Isem il-prodott**

Alsace grand cru Kirchberg de Barr

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għall-Qasam Agroalimentari u għas-Sovranità tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard skont id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni, jiġifieri:

(a) ma tinkludix tibdil fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew fil-prodotti dežinjati mill-indikazzjoni ġeografika;

(b) ma tirriskjax li tħassar ir-rabta mal-ambjent ġeografiku;

(c) ma tinvolvix restrizzjonijiet ġodda fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li t-talba hija għal emenda "standard".

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Tipi ta' prodotti

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima III tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, it-test ġie emendat biex jiġi indikat li d-denominazzjoni Alsace grand cru Vorbourg ma għadiex denominazzjoni esklużivament riżervata għall-inbejjed bojod mhux spumanti, wara l-istruzzjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-inbejjed ħomor spumanti fil-livell nazzjonali għal din id-denominazzjoni ta' oriġini.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Żona ġeografika

Deskrizzjoni

Fit-Taqsima IV(1) tal-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ir-referenza għall-kodiċi ġeografiku uffiċjali ġiet aġġornata għas-sena 2025. Din l-emenda ma tibdilx il-perimetru taż-żona ġeografika.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Żona tal-irqajja' tal-art demarkata

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu 1, it-Taqsima IV, il-punt 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ġiet miżjuda d-data tal-25 ta' Ġunju 2024.

Iż-żona tal-irqajja' tal-art demarkata tiddefinixxi dawk l-irqajja' tal-art tajbin għall-produzzjoni tal-għeneb iddestinat għall-produzzjoni tal-inbid tad-denominazzjoni.

Din iż-żona hija approvata mill-kumitat nazzjonali kompetenti tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Żona fil-viċinanza immedjata

Deskrizzjoni

Fit-Taqsima IV(3) tal-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ir-referenza għall-kodiċi ġeografiku uffiċjali ġiet aġġornata għas-sena 2025. Din l-emenda ma tibdilx il-perimetru taż-żona fil-viċinanza immedjata, iżda tinvolvi l-aġġornamenti li ġejjin tal-lista tal-ismijiet tal-muniċipalitajiet:

— għad-dipartiment ta' Haut-Rhin, l-ismijiet tal-muniċipalitajiet ta' "Herrlisheim" u "Soultz" huma sostitwiti b'"Herrlisheim-près-Colmar" u "Soultz-Haut-Rhin" rispettivament.

— għad-dipartiment ta' Bas-Rhin:

  — Il-muniċipalità ta' "Gimbrett-Berstett" issir il-muniċipalità ta' "Gimbrett (municipalità assoċjata, annessa ma' Berstett)";

  — It-tħassir tal-isem tal-muniċipalità ta' "Mittelhausen", u ż-żieda ta' dak tal-muniċipalità ta' "Wingersheim les Quatre Bans", flimkien mal-informazzjoni li din il-muniċipalità hija inkluża biss għall-parti tat-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Mittelhausen.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Densità tat-tħawwil

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 1(a) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, għall-produzzjoni ta' nbid aħmar, fl-ewwel paragrafu wara Alsace grand cru Hengst ġie miżjud il-kliem "jew Alsace grand cru Vorbourg" wara l-istruzzjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-inbejjed ħomor spumanti fil-livell nazzjonali għal din id-denominazzjoni.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Regola taż-żbir

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 1(b) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, għall-produzzjoni tal-inbejjed ħomor, id-dwieli jinżabru bil-metodu Guyot sempliċi jew doppju b'massimu ta' 14-il għajn għal kull pjanta.

L-istruzzjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent għad-denominazzjoni ta' oriġini Alsace grand cru Vorbourg tal-inbejjed ħomor twassal għal din l-emenda.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Maturazzjoni tal-għeneb u qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VII, il-punt 2(a) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, it-tabella ġiet emendata biex titqies l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-inbejjed ħomor mhux spumanti li saret fil-livell nazzjonali għad-denominazzjoni Alsace grand cru Vorbourg.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Ħin minimu ta' tqaddim

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IX, il-punt 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-ħin minimu ta' tqaddim għall-inbejjed bojod u ħomor ġie emendat u stabbilit sal-1 ta' Novembru tas-sena ta' wara dik tal-ħsad.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Dispożizzjonijiet għall-imballaġġ

Deskrizzjoni

It-Taqsima Ix(3)(a) tal-Kapitolu 1 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet sostitwita bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"a) - L-inbejjed bid-denominazzjonijiet ta' oriġini kkontrollata msemmija f'din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandu jsirilhom imballaġġ fi fliexken tat-tip 'Vin du Rhin' li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ewropea u d-Digriet Nru 55–673 tal-20 ta' Mejju 1955, l-Ordni tat-13 ta' Mejju 1959 u d-Digriet tad-19 ta' Marzu 1963, jew fi fliexken bil-karatteristiċi li ġejjin:

Għall-kontenituri ta' 300 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,0

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,4 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 150 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,8 u 5,2

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,1 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 100 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,6 u 5,0

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,1 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 75 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,8 u 5,1

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,8 u 5,0

Għall-kontenituri ta' 50 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,1

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,5 u 4,2

Għall-kontenituri ta' 37,5 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,1

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,5 u 5,2

Għall-kontenituri ta' inqas minn 37,5 cl: struttura dritta, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,3 u 4,4

— Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,6 u 3,0."

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Data tal-introduzzjoni fis-suq għall-konsumatur

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VII, il-punt 5, ġie indikat li wara li jintemm il-perjodu ta' tqaddim, l-inbejjed bojod u ħomor jistgħu jiġu introdotti fis-suq għall-konsumatur biss mill-1 ta' Novembru tas-sena ta' wara dik tal-ħsad, b'konsistenza mal-emenda tal-ħin ta' tqaddim.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Rabta maż-żona ġeografika

Deskrizzjoni

Wara r-rikonoxximent tal-inbejjed ħomor mhux spumanti għad-denominazzjoni Alsace grand cru Vorbourg, ġew issupplimentati t-taqsimiet dwar il-fatturi umani li jikkontribwixxu għar-rabta maż-żona ġeografika, il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodotti u l-interazzjonijiet kawżali għal din id-denominazzjoni.

Għad-denominazzjonijiet Alsace grand cru Hengst u Alsace grand cru Kirchberg de Barr, l-indikazzjoni tal-ħin minimu ta' tqaddim għall-inbejjed ħomor inbidlet minn 10 xhur għal 11-il xahar.

Għal kull waħda mill-ħamsin Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta Alsace grand cru, fit-Taqsima X(5)(b)(1) tal-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-kliem "huwa obbligatorju għal" ġie sostitwit b'"jintuża tradizzjonalment għal" sabiex jitqiesu l-bidliet fl-imballaġġ (tipi awtorizzati ta' fliexken).

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Korp ta' spezzjoni

Deskrizzjoni

It-Taqsima II tal-Kapitolu III tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet emendata biex tissemma l-awtorità ta' spezzjoni u biex jiġu rispettati r-regoli ta' tfassil il-ġodda għal dan il-paragrafu.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Miżuri tranżizzjonali

Deskrizzjoni

Fit-Taqsima XI(2) tal-Kapitolu I:

— l-aħħar paragrafu ġie sostitwit bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"Skont ir-regoli taż-żbir, id-dwieli jkomplu jgawdu, għall-ħsad tagħhom, id-dritt għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata sakemm jinqalgħu mill-għeruq u mhux iktar tard mill-ħsad tal-2033 inkluż.

Skont ir-regoli tad-densità tat-tħawwil u tat-tħarriġ mal-kannizzati, id-dwieli jibqgħu intitolati għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata, għall-ħsad tagħhom, sakemm jinqalgħu mill-għeruq.";

— jiżdiedu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"Għall-irqajja' kkonċernati, il-volum eliġibbli għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata huwa stabbilit abbażi tar-rendiment imsemmi tal-Kapitolu VIII(1) ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, immultiplikat b'koeffiċjent ta' 0,8.".

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbejjed

"Alsace grand cru Kirchberg de Barr"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0343-AM03 — 29.5.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Alsace grand cru Kirchberg de Barr

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 - Inbejjed ta' għeneb frisk, inklużi inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fl-Anness VII, il-Parti II, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbid abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Dehra

Dawn l-inbejjed għandhom kulur qawwi li jvarja għal isfar dehbi.

Aroma

L-inbejjed għandhom qawwa aromatika qawwija b'diversi sfumaturi.

Togħma

L-inbejjed bojod għat-tqaddim per eċċellenza huma kkaratterizzati minn freskezza evidenti bbażata fuq aċidità tartarika dominanti relatata mal-maturità tajba tal-għeneb.

L-inbejjed ikollhom sustanza u kumplessità kbira. B'togħma li ddum tintiegħem, isiru aktar kumplessi biż-żmien. Jiżviluppaw noti aktar kumplessi u armonija bbażata fuq ħafna mineralità, finezza u togħma li ddum tintiegħem.

Issir distinzjoni bejn l-inbejjed xotti, minerali u l-inbejjed aromatiċi, b'noti ta' frott, densi, rikki.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum)	—
Aċidità totali minima	—
Unità ta' aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum hija ta' 12,5 % għal Gewurztraminer Rs u għall-Pinot Gris G u ta' 11 % għall-varjetajiet tad-dwieli l-oħra.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Denominazzjoni ssupplimentata bit-terminu "Vendanges Tardives", inbid abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Dehra

L-inbejjed ikollhom kulur qawwi li jvarja għal isfar fl-ambra.

Aroma

L-inbejjed bit-terminu "vendanges tardives" spiss ikollhom aromi eżotiċi ħafna ta' frott ippreservat.

Togħma

L-inbejjed ikollhom finitura friska. Ikollhom konċentrazzjoni notevoli u persistenza aromatika kbira.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum)	—
Aċidità totali minima	—
Unità ta' aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tal-inbejjed hija ta' 16 % għall-Gewurztraminer Rs u għall-Pinot Gris G u ta' 14,5 % għall-varjetajiet tad-dwieli l-oħra.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Denominazzjoni ssupplimentata bit-terminu "Sélection de grains nobles", inbid abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Dehra

Dawn l-inbejjed ikollhom kulur qawwi li jvarja għal isfar fl-ambra.

Aroma

L-inbejjed spiss ikollhom aromi ta' pejst tal-frott.

Togħma

L-inbejjed bit-terminu "sélection de grains nobles" huma nbejjed iktar ikkonċentrati u qawwijin. Ikollhom konċentrazzjoni notevoli u persistenza aromatika kbira.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum)	—
Aċidità totali minima	—
Unità ta' aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tal-inbejjed hija ta' 18,2 % għall-Gewurztraminer Rs u għall-Pinot Gris G u ta' 16,4 % għall-varjetajiet tad-dwieli l-oħra.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Dehra

Dawn l-inbejjed ikollhom kulur aħmar, skur u qawwi.

Aroma

L-inbejjed ikollhom aroma kumplessa, b'noti ta' frott iswed u ta' ħwawar.

Togħma

Dawn l-inbejjed ikollhom aċidità wiesgħa, volum iżda finezza kbira.

It-togħma finali ddum u jkollha salinità.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum)	—
Aċidità totali minima	—
Unità ta' aċidità totali minima	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed ikollhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 12 % għall-Pinot Noir N.

Il-fermentazzjoni malolattika tkun kompluta. Fl-istadju tal-imballaġġ, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' aċidu maliku ta' 0,4 grammi jew inqas għal kull litru.

Wara l-fermentazzjoni, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' 2 grammi jew inqas għal kull litru.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Densità tat-tħawwil

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Għall-produzzjoni tal-inbejjed bojod, id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 500 pjanta għal kull ettaru. Għall-produzzjoni tal-inbejjed ħomor, id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 5 000 pjanta għal kull ettaru. Dawn id-dwieli ma jistax ikollhom distanza bejn il-flanni ta' iktar minn 2 metri. Id-dwieli jkollhom distanza bejn il-flanni ta' mill-inqas 0,75 metri u ta' mhux iktar minn 1,50 metru. Mill-25 ta' Ottubru 2011, il-qlugħ mill-għeruq tal-flanni f'roqgħa art ma jistax jirriżulta fi spazju ta' iktar minn 3 metri bejn il-flanni l-iktar wisgħin.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Regola taż-żbir

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Għall-inbejjed bojod, id-dwieli jinżabru bil-metodu Guyot sempliċi jew doppju b'massimu ta' 18-il għajn għal kull pjanta. Għall-inbejjed ħomor, id-dwieli jinżabru bil-metodu Guyot sempliċi jew doppju b'massimu ta' 14-il għajn għal kull pjanta.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Ħsad

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

L-inbejjed jinkisbu minn għeneb maħsud bl-idejn.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Żieda fil-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

Għall-inbejjed bojod, iż-żieda fil-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum medja ma tistax taqbeż 0,5 % vol. għall-inbejjed miksubin mill-varjetajiet tad-dwieli Gewurztraminer B u Pinot Gris G u 1,5 % vol. għall-inbejjed miksubin minn varjetajiet tad-dwieli oħrajn. L-inbejjed bojod li jistgħu jibbenefikaw mit-termini "vendanges tardives" jew "sélection de grains nobles" u l-inbejjed ħomor ma jiġux imqawwijin.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Produzzjoni tal-inbid

Tip ta' prattika enoloġika

Restrizzjoni applikabbli għall-produzzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

L-użu tal-laqx tal-injam huwa pprojbit.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Tqaddim tal-inbejjed

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

L-inbejjed bojod u ħomor jitqaddmu mill-inqas sal-1 ta' Novembru tas-sena ta' wara dik tal-ħsad.

L-inbejjed li jistgħu jibbenefikaw mit-termini "vendanges tardives" jew "sélection de grains nobles" jiġu mqaddma mill-inqas sal-1 ta' Ġunju tat-tieni sena ta' wara dik tal-ħsad.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/Il-kategoriji/Il-varjetajiet/It-tipi kollha

Denominazzjoni ssupplimentata bit-terminu "vendanges tardives" jew le, inbid abjad

Rendiment massimu

Rendiment massimu	60
Unità ta' rendiment massimu	ettolitru għal kull ettaru

L-inbejjed/Il-kategoriji/Il-varjetajiet/It-tipi kollha

Denominazzjoni ssupplimentata bit-terminu "sélection de grains nobles", inbid abjad

Rendiment massimu

Rendiment massimu	48
Unità ta' rendiment massimu	ettolitru għal kull ettaru

L-inbejjed/Il-kategoriji/Il-varjetajiet/It-tipi kollha

Inbid aħmar

Rendiment massimu

Rendiment massimu	48
Unità ta' rendiment massimu	ettolitru għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Gewurztraminer Rs

— Muscat Ottonel B - Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains blancs B - Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains roses Rs - Muscat, Moscato

— Pinot gris G

— Pinot noir N

— Riesling B

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2025:

— Id-dipartiment ta' Haut-Rhin:

Il-muniċipalitajiet sħaħ ta': Ammerschwihr, Beblenheim, Bennwihr, Bergheim, Bergholtz, Eguisheim, Gueberschwihr, Guebwiller, Hattstatt, Hunawihr, Ingersheim, Katzenthal, Mittelwihr, Niedermorschwihr, Orschwihr, Pfaffenheim, Ribeauvillé, Riquewihr, Rodern, Rouffach, Saint-Hippolyte, Soultzmatt, Thann, Turckheim, Vieux-Thann, Voegtlinshoffen, Westhalten, Wettolsheim, Wintzenheim, Wuenheim, Zellenberg.

Parti mill-muniċipalità ta': Kaysersberg Vignoble għat-territorju tal-muniċipalitajiet delegati ta' Kientzheim u ta' Sigolsheim biss.

— Id-dipartiment ta' Bas-Rhin:

Andlau, Barr, Bergbieten, Blienschwiller, Dahlenheim, Dambach-la-Ville, Eichhoffen, Kintzheim, Marlenheim, Mittelbergheim, Molsheim, Nothalten, Scharrachbergheim-Irmstett, Wolxheim.

Il-kunsill lokali tal-muniċipalitajiet li jinsabu parzjalment fit-territorju għandhom mappa li tidentifika l-limiti taż-żona ġeografika.

Il-mapep li jirrappreżentaw iż-żona ġeografika huma disponibbli fis-sit web tal-INAO.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Alsace grand cru Kirchberg de Barr hija bbażata fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli li jikkaratterizzaw il-vinji ta' Alsace, u tisfrutta wieħed mill-aqwa postijiet tar-reġjun. Mistura fil-pajsaġġ pittoresk ta' Alsace, il-vinja tippermetti l-produzzjoni ta' nbejjed b'espressjoni kbira, b'karattru evidenti u personalità unika. Protett mit-Tramuntana u ppożizzjonat fuq ħamrija li tisħon malajr, il-grand cru jagħti lill-inbejjed il-mineralità u s-salinità kif ukoll il-kumplessità tal-aċidità. Bi ftuħ medjament bikri u tqaddim bil-mod, l-inbejjed biż-żmien jiżviluppaw riħa fina, togħma qawwija li ddum fil-palat, freskezza u mineralità. Il-kundizzjonijiet tat-temp eċċellenti fl-aħħar tal-istaġun li jiffavorixxi l-konċentrazzjoni tal-għeneb fuq id-dielja u l-iżvilupp tat-taħsir nobbli jippermettu l-produzzjoni ta' nbejjed minn għeneb misjur iżżejjed. It-tqaddim previst fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jgħin biex l-inbejjed jitjiebu. Bl-adozzjoni ta' regoli ta' produzzjoni stretti, bħaż-żamma ta' erja kbira tal-weraq u l-ħsad bl-idejn, il-produtturi tal-inbid ta' Alsace jippreservaw il-karattru distintiv tal-inbejjed, li huma magħrufa għall-kumplessità tagħhom u għall-kapaċità ta' konservazzjoni fit-tul tagħhom. Dawn l-inbejjed huma l-aqwa fost dawk prodotti f'dan ir-reġjun. Huma apprezzati iktar mill-inbejjed tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Alsace.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, definita b'deroga għall-vinifikazzjoni, għall-produzzjoni u għat-tqaddim tal-inbejjed, hija magħmula mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2025:

— Id-dipartiment ta' Haut-Rhin:

Il-muniċipalitajiet sħaħ ta': Bergholtz-Zell, Berrwiller, Buhl, Cernay, Colmar, Gundolsheim, Hartmannswiller, Herrlisheim-près-Colmar, Houssen, Husseren-les-Châteaux, Jungholtz, Leimbach, Obermorschwihr, Osenbach, Ostheim, Rorschwihr, Soultz-Haut-Rhin, Steinbach, Uffholtz, Walbach, Wattwiller, Wihr-au-Val, Zimmerbach.

Parti mill-muniċipalità ta': Kaysersberg Vignoble għat-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Kayserberg biss.

— Id-dipartiment ta' Bas-Rhin:

Il-muniċipalitajiet sħaħ ta': Albé, Avolsheim, Balbronn, Bernardswiller, Bernardvillé, Bischoffsheim, Boersch, Bourgheim, Châtenois, Cleebourg, Dachstein, Dangolsheim, Dieffenthal, Dorlisheim, Epfig, Ergersheim, Ernolsheim-Bruche, Fessenheim-le-Bas, Flexbourg, Furdenheim, Gertwiller, Gimbrett (municipalità assoċjata, annessa ma' Berstett), Goxwiller, Heiligenstein, Itterswiller, Kienheim, Kirchheim, Kuttolsheim, Mutzig, Nordheim, Oberhoffen-les-Wissenbourg, Obernai, Odratzheim, Orschwiller, Osthoffen, Ottrott, Petersbach, Reichsfeld, Riedseltz, Rosenwiller, Rosheim, Rott, Saint-Nabor, Saint-Pierre, Scherwiller, Seebach, Soultz-les-Bains, Steinseltz, Stotzheim, Strasbourg, Traenheim, Villé, Wangen, Westhoffen, Wissembourg, Zellwiller.

Parti mill-muniċipalità ta': Wingersheim les Quatre Bans għat-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Mittelhausen biss.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Imballaġġ fiż-żona

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

L-imballaġġ fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Mil-Liġi tal-5 ta' Lulju 1972, l-inbejjed iridu jiġu bbottiljati fid-dipartimenti ta' Bas-Rhin u Haut-Rhin u l-imballaġġ irid isir fi fliexken tat-tip "Vin du Rhin" li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Nru 55.673 tal-20 ta' Mejju 1955, tal-Ordni tat-13 ta' Mejju 1959 u tad-Digriet tad-19 ta' Marzu 1963, jew fi fliexken bil-karatteristiċi li ġejjin:

Għall-kontenituri ta' 300 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,0

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,4 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 150 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,8 u 5,2

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,1 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 100 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,6 u 5,0

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,1 u 3,1

Għall-kontenituri ta' 75 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,8 u 5,1

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,8 u 5,0

Għall-kontenituri ta' 50 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,1

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,5 u 4,2

Għall-kontenituri ta' 37,5 cl: struttura dritta tal-ħġieġ, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 4,3 u 5,1

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,5 u 5,2

Għall-kontenituri ta' inqas minn 37,5 cl: struttura dritta, b'dehra ċilindrika, b'għonq bi profil tawwali, li l-proporzjonijiet tiegħu ma jaqbżux:

— ·Għoli totali/dijametru tal-bażi inkluż bejn 3,3 u 4,4

— ·Għoli totali/dijametru tal-parti ċilindrika inkluż bejn 2,6 u 3,0.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Indikazzjoni tal-vendemmja

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-indikazzjoni tal-vendemmja trid tidher flimkien mal-isem tad-denominazzjoni, fid-dikjarazzjonijiet tal-ħsad u tal-ħażniet, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament, fir-reklami, fuq il-prospetti, it-tikketti, il-fatturi u kwalunkwe kontenitur ieħor.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Isem użat

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata jista' jiġi ssupplimentat b'wieħed mill-ismijiet użati, diment li l-inbejjed ikunu miksubin esklużivament minn varjetajiet tad-dwieli li jistgħu jiġu indikati bl-isem ikkonċernat. L-użu ta' aktar minn żewġ ismijiet fuq l-istess tikketta huwa pprojbit. L-ismijiet użati huma dawn li ġejjin: Gewurztraminer, Muscat, Muscat Ottonel, Pinot gris, Pinot noir, Riesling.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Termini tradizzjonali "vendanges tardives" u "sélection de grains nobles"

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-inbejjed li jistgħu jibbenefikaw mit-termini "vendanges tardives" jew "sélection de grains nobles" bilfors irid ikollhom: - l-indikazzjoni tal-vendemmja, - u waħda mid-denominazzjonijiet użati li ġejjin: Gewurztraminer, Muscat, Muscat Ottonel, Pinot gris, Riesling.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor għall-inbejjed bojod

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-inbejjed bojod li għalihom, skont it-termini ta' din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, tintalab waħda mill-51 Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Alsace Grand Cru – post imsemmi, bl-eċċezzjoni tal-indikazzjonijiet "Vendanges Tardives" u "Sélection de Grains nobles", li huma ppreżentati taħt l-imsemmija denominazzjoni, ma jistgħux jiġu offruti lill-pubbliku, ikkunsinnati, imqiegħda għall-bejgħ jew jinbiegħu, sakemm il-kontenut taz-zokkor kif definit mir-regolamenti Ewropej ma jkunx indikat b'mod ċar ħafna fir-reklami, il-prospetti, it-tikketti, il-fatturi u l-kontenituri kollha.

Referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott (URL)

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-47631e47-a913-4910-9868-ad1c4b70bb3d